



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 13 ta' Lulju 2023
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0250(COD)

11840/23
ADD 3

JAI 1007
COPEN 259
DROIPEN 110
FREMP 218
SOC 537
CODEC 1373

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	12 ta' Lulju 2023
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	SWD(2023) 247 final
Suġġett:	DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI SOMMARJU EŻEKUTTIV TAR-RAPPORT TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT għar-rieżami tad-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Vittmi (id-Direttiva 2012/29/UE) Li jakkumpanja d-dokument Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2012/29/UE li tistabbilixxi standards minimi fir-rigward tad-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi tal-kriminalità, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2001/220/ĠAI

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument SWD(2023) 247 final.

Mehmuż: SWD(2023) 247 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 12.7.2023
SWD(2023) 247 final

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI
SOMMARJU EŻEKUTTIV TAR-RAPPORT TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

għar-rieżami tad-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Vittmi (id-Direttiva 2012/29/UE)

Li jakkumpanja d-dokument

Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

li temenda d-Direttiva 2012/29/UE li tistabbilixxi standards minimi fir-rigward tad-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi tal-kriminalità, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2001/220/ĠAI

{COM(2023) 424 final} - {SEC(2023) 270 final} - {SWD(2023) 246 final}

Skeda tas-Sommarju Eżekuttiv

Valutazzjoni tal-impatt għar-rieżami tad-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Vittmi (id-Direttiva 2012/29/UE)

A. Ħtieġa li tittieħed azzjoni

X'inhil-problema u għalix hija problema fil-livell tal-UE?

Din il-valutazzjoni tal-impatt issegwi l-evalwazzjoni tad-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Vittmi (Victims' Rights Directive, VRD). Il-VRD hija l-istrument orizzontali ewlieni għad-drittijiet tal-vittmi. Din tistabbilixxi d-drittijiet għall-vittmi kollha tal-kriminalità kollha, inkluż id-dritt għall-informazzjoni, id-dritt għall-appoġġ u l-protezzjoni bbażati fuq il-ħtiġijiet individwali, id-drittijiet proċedurali tal-vittmi, u d-dritt li jirċievu deċiżjoni dwar il-kumpens mill-awtur tar-reat fi tmiem il-proċedimenti kriminali.

L-evalwazzjoni ppubblikata f'Ġunju 2022 uriet li d-Direttiva tat il-benefiċċji mistennija, b'mod partikolari għat-trattament kumplessiv tal-vittmi mill-awtoritajiet kompetenti, il-kapaċità tal-vittmi li jiddependu fuq id-dritt tagħhom għall-informazzjoni u l-protezzjoni, u l-aċċess għall-ġustizzja u s-servizzi ta' appoġġ. Madankollu, l-evalwazzjoni enfasizzat ukoll problemi speċifiċi b'kull wieħed mill-ħames drittijiet ewlenin tal-vittmi fid-Direttiva. Dawn il-problemi jfixxlu l-kapaċità tal-vittmi li jiddependu fuq id-drittijiet tagħhom skont id-Direttiva u jimminaw il-fiduċja fl-iskemi tal-ġustizzja nazzjonali u daww fi Stati Membri oħrajn. Dan il-livell baxx ta' fiduċja jirriżulta fin-nuqqas ta' rapportar tal-kriminalità u jagħmel ħsara lill-funzjonament bla xkiel tal-ispazju Ewropew ta' libertà, sigurtà u ġustizzja. L-indirizzar ta' dawn il-problemi jirrikjedi emenda tal-VRD, li tista' tinkiseb biss fil-livell tal-UE. Hemm ħames problemi ewlenin:

1. il-vittmi mhux dejjem jirċievu **informazzjoni** dwar id-drittijiet tagħhom, jew jirċievu informazzjoni mhux adegwata li tagħmilha aktar diffiċli jew impossibbli għalihom li jeżerċitaw daww id-drittijiet;
2. il-vittmi vulnerabbli (bħat-tfal, il-persuni b'diżabilità, il-vittmi ta' reati ta' mibegħda u l-vittmi f'detenzjoni) mhux dejjem jibbenefikaw minn valutazzjoni f'waqtha tal-ħtiġijiet tagħhom għall-**protezzjoni** u huma m'eħħda minn miżuri ta' protezzjoni effettivi, bħal ordnijiet ta' protezzjoni;
3. il-vittmi vulnerabbli spiss ma jkunux jistgħu jiddependu fuq **appoġġ** speċjalizzat, bħal trattament psikoloġiku estiż, u l-vittmi tfal spiss ma jkunux jistgħu jiddependu fuq approċċ immirat;
4. il-**parteċipazzjoni tal-vittmi fi proċedimenti kriminali** spiss tkun diffiċli minħabba nuqqas ta' pariri u gwida legali u differenzi fir-regoli dwar l-istatus tal-vittmi f'dawn il-proċeduri;
5. l-**aċċess tal-vittmi għal kumpens** huwa diffiċli minħabba n-nuqqas ta' appoġġ mill-Istat meta jiġi infurzat il-kumpens ordnat mill-awtur tar-reat, li jwassal għal riskju ta' vittimizazzjoni sekondarja.

X'jenħtieġ li jinkiseb?

L-oġġettiv ġenerali ta' din l-inizzjattiva huwa li tikkontribwixxi għal **żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja li tiffunzjona tajjeb** abbażi ta': (i) rikonoxximent bla xkiel tas-sentenzi u tad-deċiżjonijiet ġudizzjarji f'materji kriminali; (ii) livell għoli ta' sigurtà minħabba rapportar imtejjeb tal-kriminalità; u (iii) ġustizzja ċċentrata fuq il-vittma, fejn il-vittmi huma rikonoxxuti u jistgħu jiddependu fuq id-drittijiet tagħhom. Dan l-oġġettiv se jintlaħaq billi jissaħħu l-istandards minimi tad-drittijiet tal-vittmi.

Ġew identifikati **ħames oġġettivi speċifiċi**:

1. itejbu b'mod sinifikanti l-aċċess tal-vittmi għall-informazzjoni, anki lil daww li ma jirrapportawx reat;
2. jallinjaw il-miżuri ta' protezzjoni għall-vittmi aktar mill-qrib mal-ħtiġijiet tagħhom biex jiżguraw is-

sikurezza tal-vittmi vulnerabbli;

3. itejbu l-aċċess għal appoġġ speċjalizzat għall-vittmi vulnerabbli, inkluż it-tfal;
4. parteċipazzjoni aktar effettiva fi proċedimenti kriminali għall-vittmi;
5. jiġi ffaċilitat l-aċċess għal kumpens mill-awtur tar-reat.

X'inhu l-valur miżjud ta' azzjoni fil-livell tal-UE (is-sussidjarjetà)?

L-azzjoni meħtieġa biex jiġu indirizzati l-problemi stabbiliti hawn fuq tista' tiġi implimentata aħjar fil-livell tal-UE. Dan itejjeb l-infurzar tad-drittijiet tal-vittmi u jgħin biex jitnaqqsu d-differenzi fir-regoli tal-Istati Membri. Min-naħa tiegħu, dan jgħin biex tiżdied il-fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri u jiffaċilita r-rikonossiment reċiproku tas-sentenzi, id-deċiżjonijiet ġudizzjarji u l-kooperazzjoni tal-pulizija u dik ġudizzjarja f'materji kriminali b'dimensjoni transfruntiera. L-emendar tal-VRD se jindirizza n-nuqqasijiet identifikati u jtejjeb l-esperjenzi tal-vittmi fil-livell nazzjonali u f'sitwazzjonijiet transfruntiera. Dan ma setax jinkiseb kieku l-Istati Membri aġixxew waħedhom.

B. Soluzzjonijiet

X'inhuma d-diversi għażliet biex jintlaħqu l-oġettivi? Hemm għażla ppreferuta jew le? Jekk le, għaliex?

Il-Kummissjoni żviluppat għadd ta' għażliet ta' politika leġiżlattivi. Ġew esklużi għażliet mhux leġiżlattivi minħabba li l-istrateġija tal-2020-2025 tal-UE dwar id-drittijiet tal-vittmi diġà tinkludi miżuri mhux leġiżlattivi li għandhom jiġu implimentati fis-snin li ġejjin, iżda l-impatt mistenni tagħhom huwa inkluż fil-linja bażi. L-għażliet ta' politika kollha jirrispondu għall-oġettivi speċifiċi identifikati.

Oġettiv speċifiku 1

- Għażla I.1: **Jinħoloq obbligu li jiġi stabbilit mekkaniżmu nazzjonali ta' koordinazzjoni** bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, l-awtoritajiet ġudizzjarji (prosekuturi u mħallfin) u l-organizzazzjonijiet ta' appoġġ. Huma jaħdmu flimkien biex jiżguraw li l-vittmi jirċievu informazzjoni li tkun adattata għall-ħtiġijiet individwali tagħhom li qed jinbidlu. Il-mekkaniżmi ta' koordinazzjoni jenħtieġ li jinkludu protokoll speċifiċi dwar l-għoti ta' informazzjoni lill-vittmi f'detenzjoni jew f'istituzzjonijiet magħluqa oħra.
- Għażla I.2: **Għażla I.1 + Jinħoloq obbligu sabiex il-linji ta' għajjuna nazzjonali għall-vittmi** jkunu l-ewwel punt ta' kuntatt għall-vittmi kollha tar-reati kollha, jipprovdu appoġġ emozzjonali u jirreferu lill-vittmi għal servizzi ta' appoġġ speċjalizzati jekk meħtieġ, jużaw in-numru tat-telefown tal-UE 116 006, u jipprovdu sit web b'teknoloġija mill-aktar avvanzata biex jingħata l-aħjar aċċess fil-biċċa l-kbira tal-lingwi mitkellma u lill-persuni b'diżabilità.
- Għażla I.3: **Għażla I.1 + Jiġi stabbilit mekkaniżmu li bih il-vittmi jiġu infurmati proattivament mill-organizzazzjonijiet tal-appoġġ tal-vittmi** (b'għażla ta' opt-out). Ladarba vittma tirrapporta reat jew tiġi identifikata bħala vittma, din tiġi kkuntattjata minn organizzazzjoni ta' appoġġ għall-vittmi li ttipprovdi informazzjoni dwar id-drittijiet tal-vittmi u d-disponibbiltà ta' servizzi ta' appoġġ. Din l-għażla tinkludi obbligu fuq il-persuni jew l-istituzzjonijiet kollha f'kuntatt mal-vittmi (organizzazzjonijiet ta' appoġġ għall-vittmi, professjonisti mediċi, professjonisti soċjali u tal-benesseri) biex jinfurmaw lill-vittmi dwar id-drittijiet tagħhom.

F'konformità mal-analiżi u l-valutazzjoni, l-għażla ppreferuta hija I.2.

Oġettiv speċifiku 2

- Għażla II.1: Ikun żgurat li l-valutazzjoni individwali tal-ħtiġijiet ta' protezzjoni tal-vittmi, li bħalissa hija

stabbilita fl-Artikolu 22 tal-VRD, **tittejjeb** billi jiżdied dan li ġej: (i) it-tweġġ tal-valutazzjoni mal-ewwel kuntatt mal-awtoritajiet kompetenti; (ii) l-involvement tas-servizzi ta' appoġġ, tal-infurzar tal-liġi u tal-ġudikatura; (iii) l-evalwazzjoni tar-riskji ppreżentati mill-awtur tar-reat (bħall-abbuż mill-alkoħol jew il-pussess tal-armi); u (iv) inkluża valutazzjoni tal-ħtiġijiet individwali għall-appoġġ.

- Għażla II.2: **Għażla II.1 + Tisħiħ tal-użu ta' miżuri ta' protezzjoni għall-protezzjoni fiżika tal-vittmi**, bħal ordnijiet ta' protezzjoni, billi jiżdiedu miżuri ta' protezzjoni mal-lista ta' miżuri ta' protezzjoni speċjalizzati li hemm stabbiliti bħalissa fl-Artikolu 23 tal-VRD li għandhom jintużaw mill-awtoritajiet kompetenti wara valutazzjoni individwali.
- Għażla II.3: **Għażla II.2 + Ikunu impostistandards minimi dwar il-kontenut ta' miżuri ta' protezzjoni fiżika u dwar il-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni tagħhom**, bħal ordnijiet ta' protezzjoni u miżuri ta' protezzjoni tax-xhieda, wara valutazzjoni individwali.

F'konformità mal-analiżi u l-valutazzjoni, l-għażla ppreferuta hija II.2.

Objettiv speċifiku 3

- Għażla III.1: Tkun żgurata d-disponibbiltà ta' **servizzi ta' appoġġ speċjalizzati għall-vittmi tfal kollha** fl-istess bini abbażi tal-**mudell Barnahus** (li jipprovd, taħt saqaf wieħed, appoġġ minn diversi aġenziji u protezzjoni għat-tfal vittmi tal-kriminalità) u **għajjuna psikoloġika b'xejn sakemm ikun meħtieġ għall-vittmi vulnerabbli kollha fil-bżonn**. Dan ikun jinkludi l-koordinazzjoni nazzjonali tas-servizzi ta' appoġġ, l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u daww ġudizzjarji u l-ġħoti ta' appoġġ adatt għall-età u l-protezzjoni meħtieġa biex jiġu indirizzati b'mod komprensiv il-ħtiġijiet tal-vittmi.
- Għażla III.2: **Għażla III.1 + Tkun żgurata d-disponibbiltà ta' servizzi ta' appoġġ speċjalizzati għall-vittmi vulnerabbli kollha**. Dan ikun jinkludi l-koordinazzjoni nazzjonali tas-servizzi ta' appoġġ, tal-infurzar tal-liġi u tal-awtoritajiet ġudizzjarji (mhux neċessarjament fl-istess bini). **Għall-vittmi vulnerabbli kollha**, is-servizzi ta' appoġġ speċjalizzati jkunu jinkludu **appoġġ psikoloġiku b'xejn sakemm ikun meħtieġ** jekk il-valutazzjoni individwali turi li hu meħtieġ. Dan jibni fuq id-dispożizzjoni kurrenti fl-Artikolu 9(1) tad-Direttiva, li tipprovd għal dawn is-servizzi fejn disponibbli.
- Għażla III.3: **Għażla III.1 + Tkun żgurata d-disponibbiltà ta' servizzi ta' appoġġ speċjalizzati għall-vittmi vulnerabbli kollha** (mhux biss it-tfal). Dawn is-servizzi jistgħu jiġu pprovduti fl-istess bini jew permezz ta' punt ta' kuntatt ċentrali bbażat fuq il-mudell Barnahus. Ikun żgurat li s-servizzi ta' appoġġ speċjalizzati jipprovd **appoġġ psikoloġiku bla ħlas sakemm ikun meħtieġ għall-vittmi kollha tal-kriminalità** (mhux biss vittmi vulnerabbli). Dan l-appoġġ jenħtieġ li jiġi identifikat matul il-valutazzjoni individwali tal-appoġġ.

F'konformità mal-analiżi u l-valutazzjoni, l-għażla ppreferuta hija III.2.

Objettiv speċifiku 4

- Għażla IV.1: Ikun stabbilit dritt għall-vittmi **għal assistenza legali/amministrattiva u li jkunu akkumpanjati minn persuna magħżula minnhom** matul il-proċedimenti kriminali, irrispettivament minn jekk il-vittma tkunx parti formali fil-proċedimenti. Ikun stabbilit dritt għall-vittmi li **jikkontestaw id-deċiżjonijiet tal-proċediment kriminali li jikkonċernawhom direttament**. L-Istati Membri jkollhom jiżguraw li l-vittmi jkunu jistgħu jikkontestaw tali deċiżjonijiet indipendentement mill-istatus tagħhom fil-proċediment kriminali u f'konformità mal-prinċipju ta' rieżami ġudizzjarju.
- Għażla IV.2: **Għażla IV.1 + emenda għad-dritt kurrenti bis-saħħa tal-Artikolu 13 tal-VRD għall-għajjuna legali, li bħalissa hija limitata għal vittmi li huma partijiet fi proċedimenti kriminali**. Id-dritt jiġi estiż biex tiġi żgurata għajjuna legali għall-vittmi b'mezzi insuffiċjenti **meta jikkontestaw deċiżjonijiet dwar id-**

drittijiet tagħhom matul il-proċedimenti kriminali. Il-kundizzjonijiet jew ir-regoli proċedurali li taħthom il-vittmi jkollhom aċċess għall-għajnuna legali se jkomplu jiġu ddeterminati skont id-dritt nazzjonali.

- Għażla IV.3: Ikun previst id-**dritt tal-vittmi li jipparteċipaw bħala parti formali fil-proċedimenti kriminali** indipendentement mir-restrizzjonijiet kurrenti skont id-dritt nazzjonali. Għalhekk, id-drittijiet kurrenti tal-vittmi skont il-VRD biex jipparteċipaw fi proċedimenti kriminali, bħall-aċċess għall-fajl tal-każ u l-aċċess għall-għajnuna legali, japplikaw għall-vittmi matul il-proċedimenti kriminali.

F'konformità mal-analiżi u l-valutazzjoni, l-**għażla ppreferuta hija IV.1.**

Objettiv speċifiku 5

- Għażla V.1: Ikun stabbilit id-dritt għall-vittmi li jirċievu deċiżjoni dwar kumpens mill-awtur tar-reat matul il-proċediment kriminali mingħajr l-eċċezzjoni kurrenti skont l-Artikolu 16 tad-Direttiva fejn il-liġi nazzjonali tipprevedi li tali deċiżjoni tittieħed fi proċedimenti legali oħra.
- Għażla V.2: **Għażla V.1. + Jinholq obbligu fuq l-Istati Membri li jħallsu l-kumpens dovut mill-awtur tar-reat bil-quddiem lill-vittma immedjatament wara s-sentenza** u mbagħad ifittxu r-rimborż tal-kumpens mill-awtur tar-reat.
- Għażla V.3: Ikunu imposti **standards minimi dwar il-kumpens mill-Istat billi tkun emendata d-Direttiva dwar il-Kumpens tal-2004.** Dan ikun jinkludi l-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar il-Kumpens biex jinkludi r-reati kollha (mhux biss limitati għal reati vjolenti u intenzjonali). Ikunu imposti standards minimi fuq il-kundizzjonijiet dwar ir-riċeviment ta' kumpens mill-Istat billi tkun emendata d-Direttiva dwar il-Kumpens tal-2004 (inklużi l-limiti ta' żmien amministrattivi biex il-każijiet jiġu ttrattati fi żmien raġonevoli u l-kundizzjonijiet dwar kif jiġi ddeterminat l-ammont ta' kumpens).

F'konformità mal-analiżi u l-valutazzjoni, l-**għażla ppreferuta hija V.2.**

Il-pakkett tal-għażliet ippreferuti jikkonsisti fl-għażliet I.2, II.2, III.2, IV.1 u V.2. Din il-kombinazzjoni għandha l-ogħla punteġġ għall-kriterji kollha u hija mistennija li ġġib l-akbar benefiċċji lill-vittmi madwar l-UE filwaqt li tirrispetta l-limitazzjonijiet tal-bażi legali u l-proporzjonalità tal-azzjoni tal-UE.

X'inhom l-opinjoni tal-partijiet ikkonċernati differenti? Min jappoġġja liema għażla?

Il-maġġoranza tal-partijiet ikkonċernati jappoġġaw ir-reviżjoni tal-VRD. L-għażliet kollha ġew diskussi u ċċekkjati mar-rappreżentanti tal-organizzazzjonijiet ta' appoġġ għall-vittmi, l-awtoritajiet tal-Istati Membri u l-aġenziji tal-UE, bħall-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali u l-Aġenzija tal-UE għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (Eurojust). Barra minn hekk, il-kwistjoni ġiet diskussa fil-Grupp ta' Esperti dwar id-Dritt Kriminali tal-Kummissjoni, li jikkonsisti minn akkademiċi u prattikanti. Wasal kontribut ulterjuri permezz ta' għadd ta' konsultazzjonijiet pubbliċi. Għalkemm l-għażliet kollha rċevew appoġġ wiesa' mill-partijiet ikkonċernati, xi Stati Membri ma kinux ħerqana li jagħżlu l-għażla IV.3 minħabba li din tinterferixxi ma' ċerti tradizzjonijiet legali.

C. Impatti tal-għażla ppreferuta

X'inhuma l-benefiċċji tal-għażla ppreferuta (jekk hemm, inkella x'inhuma dawk ewlenin)?

Il-pakkett preferut ta' għażliet huwa mistenni li jindirizza b'mod effettiv il-problemi ewlenin u jilħaq l-oġettivi ġenerali u speċifiċi. Dawn jenħtieġ li jkollhom effetti pożittivi sinifikanti fuq id-drittijiet tal-vittmi, inkluż aċċess aħjar għall-informazzjoni, l-appoġġ u l-protezzjoni u parteċipazzjoni aħjar fil-proċedimenti kriminali, inkluż il-kumpens. Kumplessivament, dan se jirriżulta f'aċċess aħjar għall-ġustizzja għall-vittmi u protezzjoni aħjar tad-

drittijiet fundamentali tagħhom. Dawn il-benefiċċji għall-vittmi jistgħu jwasslu għal benefiċċji soċjetali usa'. Dawn il-benefiċċji jinkludu funzjonament aħjar tas-sistemi ġudizzjarji tal-Istati Membri, nuqqas ta' rapportar aktar baxx tal-kriminalità u prevalenza aktar baxxa tal-kriminalità b'mod ġenerali. Il-pakkett ippreferut se jiżgura l-effetti kkombinati tal-implimentazzjoni tal-għażliet kollha kif tfasslu biex jappoġġaw lil xulxin (pereżempju, aċċess imtejjeb għall-informazzjoni se jirriżulta f'aċċess aħjar għall-appoġġ, li se jfisser parteċipazzjoni aħjar għall-vittmi fil-proċedimenti kriminali).

X'inhuma l-kostijiet tal-għażla ppreferuta (jekk hemm, inkella x'inhuma dawk ewlenin)?

	Benefiċċji (miljun EUR) Xenarju medju – 5 snin; rata ta' skont soċjali ta' 3 %¹	Kostijiet (miljun EUR) Limiti medji baxxi u għoljin – 5 snin; rata ta' skont soċjali ta' 3 %	Benefiċċju nett (miljun EUR) – 5 snin; rata ta' skont soċjali ta' 3 %
Għażla I.2	1 388	231	6
Għażla II.2	1 488	25	59
Għażla III.2	10 217	9 336	1
Għażla IV.1	266	255	1
Għażla V.2	9 732	8 897	1
TOTAL	23 091	18 743	1.2

X'inhum l-impatt fuq il-kumpaniji żgħira u medji (SMEs) u l-kompetittività?

Mhu mistenni l-ebda impatt sinifikanti fuq l-SMEs u l-kompetittività. Jistgħu jkunu mistennija xi benefiċċji għall-professjonisti tal-SMEs li jipprovdut għajna legali jew appoġġ psikoloġiku lill-vittmi peress li n-negozju tagħhom se jiżdied bħala riżultat tal-inizjattiva.

Se jkun hemm impatt sinifikanti fuq il-baġits u l-amministrazzjonijiet nazzjonali?

Il-kostijiet tal-implimentazzjoni tad-Direttiva riveduta se jiġġarrbu l-aktar mill-Istati Membri. Se jkun hemm kostijiet għall-UE biex tiżgura l-iskambju tal-aħjar prattiki u l-attivitajiet ta' koordinazzjoni, anki fil-Pjattaforma tad-Drittijiet tal-Vittmi u n-*Network* Ewropew dwar id-Drittijiet tal-Vittmi. L-aktar għażla għalja hija relatata mal-iżgurar ta' servizzi ta' appoġġ immirati u integrati għall-vittmi l-aktar vulnerabbli, li jinkludu Barnahus. Madankollu, il-benefiċċji jgħibbu l-kostijiet fl-għażliet kollha. Madankollu, l-akbar benefiċċji huma ta' natura mhux finanzjarja.

Se jkun hemm impatti sinifikanti oħra?

L-aktar impatti sinifikanti jinkludu infurzar aħjar tad-drittijiet fundamentali tal-vittmi madwar l-UE, anki fir-rigward ta' xi drittijiet fundamentali assoluti (bħad-dritt għall-protezzjoni personali f'każijiet vjolenti/ta' theddida għall-ħajja) u l-konsegwenzi soċjali u ekonomiċi indiretti pożittivi tiegħu. Billi tiffaċilita l-aċċess ugwali għall-informazzjoni, il-protezzjoni, l-appoġġ, il-ġustizzja u l-kumpens, l-inizjattiva se tippredvi aktar opportunitajiet indaqs għall-vittmi kollha biex jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom. Dan se jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għall-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU (Sustainable Development Goal, SDG) 10 bl-għan li jitnaqqsu l-inugwaljanzi. Addizzjonalment, bl-għan kumplessiv tagħha li żżid il-fiduċja fl-istituzzjonijiet u fis-servizzi li jappoġġaw lill-vittmi tal-kriminalità, l-inizjattiva se tikkontribwixxi għall-promozzjoni tal-istat tad-dritt u tiżgura aċċess ugwali għall-

¹Din hija r-rata ta' skont soċjali rakkomandata fl-Għodda# 64 tal-linji gwida għal Regolamentazzjoni Aħjar.

Proporzjonalità?

Il-miżuri kollha fil-pakkett tal-għażliet ippreferuti jibnu fuq id-dispożizzjonijiet tal-VRD u diġà huma fis-seħħ fil-ġustizzja, biex b'hekk tikkontribwixxi għall-SDG 16. Kumplessivament, appoġġjar għall-vittmi tal-kriminalità se jkollu effetti pożittivi mhux biss fuq id-drittijiet fundamentali tal-vittmi iżda wkoll fuq il-koeżjoni soċjali u l-iskemi tal-ġustizzja nazzjonali u tal-UE. Il-pakkett jistabbilixxi standards minimi. Il-proporzjonalità ta' qieset ukoll fil-kalkolu tal-kostijiet tal-għażliet differenti. Il-proporzjonalità tal-miżuri ġiet ivvalutata bir-reqqa u ttestjata mal-partijiet ikkonċernati. Il-pakkett ta' miżuri propost jissodisfa l-kriterju leġislattiv li jkun limitat għall-istabbiliment ta' standards minimi.

D. Azzjoni ta' segwitu

Il-monitoraġġ regolari se jkun ibbażat fuq *data* li l-Istati Membri se jkollhom jirrapportaw lill-Kummissjoni. Barra minn hekk, il-Kummissjoni biħsiebha tevalwa l-implimentazzjoni tal-inizjattiva biex tivvaluta l-punt sa fejn intlaħqu l-oġettivi ta' politika tagħha (kif ukoll l-erba' kriterji l-oħra ta' effiċjenza/simplifikazzjoni potenzjali, il-koerenza, ir-rilevanza u l-valur miżjud tal-UE). Din l-evalwazzjoni se tkun ibbażata fuq indikaturi dwar l-implimentazzjoni tal-għażliet differenti fil-pakkett.